MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 153/2011

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi minn relazzjoni li hija kellha mal-intimat, fil-5 ta' Settembru 1997 twieldet il-minuri E li illum ghandha tlettax il-sena;
2. Illi l-imsemmi E D tghix mar-rikorrenti u hija tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha;
3. Illi l-intimat qed jirrifjuta li jhallas manteniment ghall-minuri imsemmija;

4. Illi ir-rikorrenti giet awtorizzata b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li jgib in-numru 545/11 tad-29 ta' Marzu 2011 biex tipprocedi b'dawn il-proceduri kontra l-intimat (Dok A);
5. Illi l-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment;

Ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti :

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmija tigi fdata lilha;
2. Tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lir-rikorrenti manteniment xieraq u adekwat ghall-minuri E D u dan f'dawk l-ammonti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi huwa m'ghandux oggezzjoni li l-attrici jkollha l-kura u kustodja tal-minuri E D b'dana illi huwa ghandu jkollu access adegwat;
2. Illi kwantu ghal manteniment l-eccipjenti huwa missier ta' disat itfal b'paga fissa fi hdan id-'detention services' tal-Forzi Armati ta' Malta. Illi ghalhekk kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tax-xhieda huwa difficli hafna li l-esponenti ihallas retta alimentarja;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbal tal-15 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu l-konvenut assistit iddikjara illi l-konvenut kien qieghed jaqbel li jghaddi manteniment ghall-uliedu minuri u mhux ghall-attrici personalment, fl-ammont ta’ mitt euro kull erba` gimghat bil-quddiem, u dan b’effett mill-24 ta’ Frar, 2012. Il-konvenut qabel ukoll illi l-attrici ghandha tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri u l-partijiet iddikjaraw li ma kellhom aktar provi xi jressqu;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi wara illi l-Qorti rat il-verbal taghha tal-15 ta’ Frar, 2012, tara illi l-partijiet qeghdin jaqblu, u ghalhekk taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E D tigi fdata f’idejn l-attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici manteniment ghall-bintu minuri E D, l-ammont ta’ mitt euro kull erba` gimghat bil-quddiem, u dan b’effett mill-24 ta’ Frar, 2012; Bl-ispejjez, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------